



C/2024/3014

26.4.2024

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-Pjattaformi Online Kbar Ħafna u Magni tat-Tiftix Online Kbar Ħafna dwar il-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) 2022/2065

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3014)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Skop u Bażi Legali

- Il-pjattaformi u l-magni tat-tiftix online saru postijiet importanti għad-dibattiti pubbliċi u għat-tiswir tal-opinjoni pubblika u l-imġiba tal-votanti. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 ("l-Att dwar is-Servizzi Diġitali") jimponi obbligi fuq il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs, Very Large Online Platforms) u magni tat-tiftix online kbar ħafna (VLOSEs, Very Large Online Search Engines) ⁽¹⁾ biex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju speċifiċi u jstabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju raġonevoli, proporzjonati u effettivi inkluż għal "kwalunkwe effetti negattiv attwali jew prevedibbli fuq id-diskors ċiviku, u l-proċessi elettorali" ⁽²⁾.
- Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni tista' tohrōg linji gwida dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma meħtieġa jadottaw fir-rigward ta' riskji speċifiċi. Tali linji gwida jstgħu, b'mod partikolari, jippreżentaw l-aħjar prattiki u jirrakkomandaw il-miżuri possibbli, filwaqt li jqisu kif xieraq il-konsegwenzi possibbli tal-miżuri fuq id-drittijiet fundamentali minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") tal-partijiet kollha involuti.
- Firxa wiesgħa ta' fenomeni li jinvolvu pjattaformi u magni tat-tiftix online jagħtu lok għal riskju akbar għall-integrità elettorali. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, il-proliferazzjoni ta' diskors ta' mibegħda illegali online, it-theddi marbut mal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin ("FIMI") kif ukoll il-fenomeni usa' tad-diżinformazzjoni, it-tixrid ta' kontenut estremist (vjolenti) u tali bl-intenzjoni li jiġu radikalizzati n-nies, kif ukoll it-tixrid ta' kontenut iġġenerat permezz ta' teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali ġenerattiva ("IA") ⁽³⁾. Fid-dawl ta' diversi elezzjonijiet ipplanati fl-UE fix-xhur li jmiss, fosthom l-elezzjonijiet li ġejjin tal-2024 għall-Parlament Ewropew, dan id-dokument fih gwida mmirata biex tappoġġja lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs biex jiżguraw li, fejn xieraq, jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jimmitigaw ir-riskji speċifiċi marbuta mal-proċessi elettorali. Din il-gwida tibqa' ġeneralment rilevanti anki wara li jkun saru dawk l-elezzjonijiet.
- Il-miżuri meħuda mill-VLOPs u mill-VLOSEs f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2065, inklużi l-miżuri kollha biex jittaffew l-effetti negattivi fuq il-proċessi elettorali msemmija f'dawn il-linji gwida, jenħteġ li jittieħdu b'kunsiderazzjoni partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali minqax fil-Karta, inkluż id-dritt għad-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' intrapriża. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom iqisu kif xieraq l-impatt potenzjali tal-miżuri fuq id-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha involuti, inklużi l-gruppi vulnerabbli li jqisu l-aċċessibilità u l-inklużività tal-miżuri.

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 33 tad-DSA, dawn huma forniture maħtura mill-Kummissjoni li għandhom għadd ta' riċevituri attivi medji fix-xahar tas-servizz tagħhom fl-Unjoni Ewropea (UE) li jilħaq il-45 miljun jew iktar.

⁽²⁾ Artikolu 34(1)(c) tad-DSA.

⁽³⁾ L-intelliġenza artifiċjali li kapaċi tiġġenera test, immaġnijiet, jew media oħra, bl-użu ta' mudelli ġenerattivi.

5. Dawn il-linji gwida diġà jqisu l-obbligi futuri imposti fuq il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs mir-Regolament (UE) 2024/900 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku ("ir-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku")⁽⁴⁾, kif ukoll ir-Regolament futur li jstabilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ("l-Att dwar l-IA")⁽⁵⁾, li t-tnejn li huma jinsabu fil-proċess ta' adozzjoni mil-leġiżlatur tal-UE, kif ukoll l-impenji volontarji meħuda mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs skont il-Patt dwar l-IA biex jaderixxu mal-obbligi stabbiliti fl-Att dwar l-IA qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu⁽⁶⁾. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom ikunu marbuta li jikkonformaw ma' tali regoli legalment vinkolanti meta jidħlu fis-seħħ, sa fejn ikun applikabbli għalihom.
6. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2022/2065. Dawn il-linji gwida għandhom jitqiesu fil-qafas tal-appoġġ lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligu skont l-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament fir-rigward tar-riskji fuq il-proċessi elettorali. Minbarra l-obbligu li jiġu stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi għar-riskji relatati mal-proċessi elettorali skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs iridu jsegu l-obbligi legali l-oħra kollha fir-Regolament (UE) 2022/2065 li jistgħu jkunu rilevanti għall-elezzjonijiet. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, l-Artikoli 14 u, 17 dwar it-Termini u l-Kundizzjonijiet u d-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet, l-Artikoli 27 u 38 dwar is-Sistemi Rakkomandanti, l-Artikoli 36 u 48 dwar il-Mekkaniżmi u l-Protokoll ta' Rispons għall-Kriżijiet, l-Artikoli 15, 24, 37, 42 dwar it-Trasparenza u l-Awditi Indipendenti, l-Artikoli 26 u 39 dwar it-Trasparenza fir-Reklamar Online u l-Artikolu 40 dwar l-Access u l-Iskrutinju tad-Data.
7. Ir-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali jistgħu jimmanifestaw ruħhom ukoll permezz tal-amplifikazzjoni u d-disseminazzjoni potenzjalment rapida u wiesgħa ta' kontenut li huwa illegali skont il-liġijiet Ewropej jew tal-Istati Membri, pereżempju, theddid, kontenut estremist vjolenti u terroristiku, diskors ta' mibegħda illegali jew fastidju online kontra kandidati politiċi jew detenturi ta' karigi, ġurnalisti, ħaddiema elettorali jew oħrajn involuti fil-proċess elettorali. Huma kkunsidrati bħala tali l-Artikoli 9, 10, 16, 22 tar-Regolament (UE) 2022/2065 dwar il-Kontenut Illegali, li jkopru ordnijiet biex tittieħed azzjoni kontra kontenut illegali u biex tiġi pprovduta informazzjoni, kif ukoll il-Mekkaniżmi ta' Avviż u ta' Azzjoni u d-dispożizzjoni dwar is-Sinjalaturi Fdati, huma ta' nota partikolari.

1.2. Kontribut għal linji gwida u inizjattivi ta' politika relatati

8. Dawn il-linji gwida jibnu fuq sensiela ta' djalogi ta' tħejija dwar l-integrità tal-elezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni ma' diversi fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs wara li r-Regolament (UE) 2022/2065 daħal fis-seħħ għall-ewwel 19-il servizz deżinjat fl-aħħar ta' Awwissu 2023⁽⁷⁾, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Għat-tħejija tal-verżjoni finali ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni esploratorja⁽⁸⁾, li ġiet ippubblikata fit-8 ta' Frar 2024 u li għalqet fis-7 ta' Marzu 2024, kif ukoll konsultazzjonijiet immirati fil-forma ta' skambji madwar mejda, inkluż ma' organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs dwar verżjoni abbozzata tal-linji gwida. Barra minn hekk, fil-finalizzazzjoni tal-linji gwida, il-Kummissjoni kkooperat mal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali permezz ta' laqgħat tal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali.

⁽⁴⁾ L-UE tintroduċi regoli ġodda dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku – Kunsill (europa.eu)

⁽⁵⁾ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/commission-welcomes-political-agreement-artificial-intelligence-act>

⁽⁶⁾ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/ai-pact>

⁽⁷⁾ Il-Kummissjoni organizzat laqgħat apposta mal-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs, kemm f'ambjenti bilaterali, kif ukoll fil-preżenza tal-awtoritajiet nazzjonali, fejn kienu qed isiru l-elezzjonijiet biex tinġabar informazzjoni dwar prattiki eżistenti u politiki *ad hoc* fis-seħħ biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-elezzjonijiet.

⁽⁸⁾ Kien hemm 77 tweġiba għall-konsultazzjoni, għal sommarju ara: Public consultation on draft guidelines for Providers of Very Large Online Platforms (VLOPs) and Very Large Online Search Engines (VLOSEs) on the Mitigation of Systemic Risks for Electoral Processes: A summary and analysis of responses.

9. Sa fejn huma rilevanti għall-konformità tal-VLOPs u tal-VLOSEs mar-Regolament (UE) 2022/2065, il-linji gwida jirriflettu wkoll diversi impenji u miżuri biex jitnaqqas it-tixrid tad-diżinformazzjoni online li tinsab fil-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni⁽⁹⁾, l-ewwel qafas immexxi mill-industrija fid-dinja fil-qasam diġitali u sors tal-aħjar prattiki tal-industrija biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni. Huma jqisu wkoll il-ħidma li saret mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin ("FIMI"), b'mod partikolari l-qafas komprensiv ipprovdut mis-Sett ta' Għodod tal-UE għall-FIMI u r-Rapport reċenti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar it-Theddid tal-FIMI⁽¹⁰⁾ li jiffoka fuq it-tweġibiet għall-FIMI fil-kuntest tal-elezzjonijiet.
10. Dawn il-linji gwida jikkomplementaw il-politiki tal-Kummissjoni fil-qasam tad-demokrazija u elezzjonijiet ħielsa, ġusti u reżiljenti, inkluż il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-demokrazija tal-2020⁽¹¹⁾, il-pakkett tal-elezzjonijiet u l-integrità ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2021⁽¹²⁾ u reċentement il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija tal-2023⁽¹³⁾, u l-ħidma tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-elezzjonijiet⁽¹⁴⁾ biex titrawwem il-kooperazzjoni fost in-networks elettorali nazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti. Il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija jinkludi, fost l-oħrajn, rakkomandazzjonijiet estensivi lill-Istati Membri, u lill-partiti politiċi nazzjonali u Ewropej, lill-fondazzjonijiet politiċi, u lill-organizzazzjonijiet tal-kampanji dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-UE u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew⁽¹⁵⁾. Kif indikat f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar it-tmexxija tal-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija tipprovdwi wkoll valutazzjoni tar-riskji għall-proċessi elettorali u għandu jittqies id-diskors ċiviku mill-perspettiva, fost l-oħrajn, tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea⁽¹⁶⁾.

1.3. Deskrizzjoni

11. L-istruttura ta' dawn il-linji gwida hija kif ġej:
- It-Taqsima 1 tistabbilixxi l-iskop u l-bażi ġuridika, il-kontribut u inizjattivi ta' politika relatati oħra, u l-istruttura ta' dawn il-linji gwida;
 - It-Taqsima 2 tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida;
 - It-Taqsima 3 tistabbilixxi l-gwida sostantiva ewlenija dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi relatati mal-proċessi elettorali. Il-proċess ta' implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju matul u wara avveniment elettorali; miżuri ta' mitigazzjoni marbuta mal-IA ġenerattiva; kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali, l-esperti indipendenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; il-proċess ta' implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju matul u wara avveniment elettorali; u gwida speċifika għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;
 - It-Taqsima 4 tindika l-passi li jmiss u l-konklużjonijiet.

2. L-AMBITU TA' DAWN IL-LINJI GWIDA

12. Il-linji gwida huma indirizzati lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs li s-servizzi tagħhom iġorru riskji ta' effetti negattivi reali jew prevedibbli fuq il-proċessi elettorali li jirriżultaw mid-disinn, il-funzjonament u l-użu ta' dawk is-servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Skont l-Artikolu 35(1) ta' dak ir-regolament, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi, imfassla għar-riskji sistemiċi speċifiċi identifikati.

⁽⁹⁾ <https://disinfocode.eu/mt/introduzzjoni-għall-kodiċi/>

⁽¹⁰⁾ https://www.eeas.europa.eu/eeas/2nd-eeas-report-foreign-information-manipulation-and-interference-threats_en

⁽¹¹⁾ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/protecting-democracy_mt

⁽¹²⁾ https://commission.europa.eu/publications/reinforcing-democracy-and-integrity-elections-all-documents_en

⁽¹³⁾ https://commission.europa.eu/publications/defence-democracy_en

⁽¹⁴⁾ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship-and-democracy/democracy-and-electoral-rights/european-cooperation-network-elections_en

⁽¹⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32023H2829>

⁽¹⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52023DC0630>

13. L-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 jipprovi lista mhux eżawrjenti ta' miżuri ta' mitigazzjoni li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistgħu jadottaw biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi li jidentifikaw fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju li s-servizz tagħhom u s-sistemi relatati tiegħu, inklużi s-sistemi algoritmiċi, jagħtu lok għalihom, jew li jirriżultaw mill-użu li jsir mis-servizzi tagħhom. Dawn il-linji gwida jelaboraw aktar fuq dik il-lista u jistabbilixxu l-aħjar prattiki u jirrakkomandaw miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifikament għar-riskji relatati mal-proċessi elettorali.
14. Il-miżuri ppreżentati f'dawn il-linji gwida mhumiex lista eżawrjenti ta' rakkomandazzjonijiet lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs fil-każijiet kollha. Il-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa jiddependu fuq is-servizz speċifiku u r-riskji sistemiċi speċifiċi identifikati skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065.
15. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom japplikaw dawn il-linji gwida għall-proċessi elettorali fl-Istati Membri, inkluż għall-elezzjonijiet nazzjonali u għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Dan għandu jinkludi miżuri matul il-perjodi ta' qabel l-elezzjoni, elettorali u postelettorali ⁽¹⁷⁾. Il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu applikati wkoll għall-elezzjonijiet jew referenda reġjonali u lokali, jekk il-valutazzjonijiet tar-riskju jikkonkludu li hemm effetti negattivi reali jew prevedibbli għal dawn il-proċessi elettorali.
16. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida huwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065. Skont l-Artikolu 35(2), il-Bord, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jippubblika rapporti komprensivi darba fis-sena li jinkludu l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-aktar riskji sistemiċi prominenti u rikorrenti rrapportati mill-fornituri tal-VLOPs jew tal-VLOSEs jew identifikati permezz ta' sorsi oħra ta' informazzjoni.
17. F'konformità mal-premessa 103 tar-Regolament (UE) 2022/2065, dawn il-linji gwida jistgħu jservu wkoll bħala sors ta' ispirazzjoni għall-fornituri ta' pjattaformi online jew magni tat-tiftix li ma ġewx iddeżinjati bħala VLOPs jew VLOSEs u li s-servizzi tagħhom iwasslu għal riskji simili. Tista' sservi wkoll bħala referenza għar-riċerka kontinwa u l-analiżi tal-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'reazzjoni għar-riskji relatati mal-proċessi elettorali. Meta l-miżuri ta' mitigazzjoni u l-aħjar prattiki rakkomandati f'dawn il-linji gwida jkunu ta' applikazzjoni għall-proċessi elettorali b'mod ġenerali, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistgħu jikkunsidraw li jżommu l-miżuri u l-prattiki fis-seħħ fejn xieraq biex jipproteġu d-dibattitu pubbliku barra mill-proċessi elettorali, meta jitqies l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-drittijiet fundamentali.

3. MIŻURI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU SPEĊIFIĊI GĦALL-ELEZZJONI

3.1. It-tisħiħ tal-proċessi interni

18. Sabiex ifasslu l-miżuri ta' mitigazzjoni għar-riskji identifikati għall-proċessi elettorali, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jikkunsidraw **it-tisħiħ tal-proċessi interni** f'konformità mal-Artikolu 35(1)(f) tar-Regolament (UE) 2022/2065. Il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom, fost l-oħrajn, ikunu ggwidati minn informazzjoni dwar elementi bħall-preżenza u l-attività tal-atturi politiċi dwar is-servizz, id-diskussjonijiet rilevanti dwar il-pjattaforma u l-użu tagħha fil-kuntest tal-elezzjonijiet, l-għadd ta' utenti fi Stat Membru meta ssir elezzjoni partikolari f'dak l-Istat Membru, u l-indikazzjonijiet ta' każijiet preċedenti li jikkonċernaw tattiki, tekniki, u proċeduri għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni.

⁽¹⁷⁾ The Council of Europe Electoral Cycle - Elections (coe.int)

19. Il-proċessi interni jenħtieġ li jidentifikaw u jagħmlu disponibbli l-informazzjoni, l-analiżi u *d-data* rilevanti biex jippermettu t-tfassil u l-kalibrazzjoni tal-miżuri għall-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju reali jew prevedibbli li jista' jirriżulta minn informazzjoni dwar l-elezzjonijiet li tiġi mfittxija, kondiviża jew aċċessata permezz tas-servizz ipprovdut mill-VLOPs u l-VLOSEs. Dan jista' jinkludi, informazzjoni dwar partiti politiċi jew kandidati, programmi tal-partiti, manifesti jew materjal politiku ieħor, jew informazzjoni relatata, għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħal dimostrazzjonijiet jew manifestazzjonijiet, kampanji, ġbir ta' fondi, jew attivitajiet politiċi relatati oħra. Madankollu, mhuwiex limitat għal dawn biss. Il-proċessi interni għall-ġbir u l-kondivizzjoni tal-analiżi u tad-*data* li jinfurmaw it-tfassil u l-kalibrazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu għandhom jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* ⁽¹⁸⁾.
20. Il-proċessi interni għandhom jissaħħu biex jiġi żgurat li t-tfassil u l-kalibrazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa għall-kuntest reġjonali, lokali u lingwistiku speċifiku li fih se jintużaw. Għalhekk, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma mħeġġa, fost l-oħrajn, jiżguraw li l-informazzjoni u l-analiżi miġbura dwar ir-**riskji speċifiċi għall-kuntest lokali u l-informazzjoni speċifika għall-Istati Membri** fil-livell nazzjonali, reġjonali u/jew lokali ssir disponibbli bla xkiel għall-entitajiet responsabbli għat-tfassil u għall-kalibrazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.
21. Huwa rrakkomandat ukoll li l-fornituri jkollhom riżorsi adegwati ta' moderazzjoni tal-kontenut b'kapaċità lingwistika lokali u għarfien tal-kuntesti u l-ispeċifitajiet nazzjonali u/jew reġjonali. Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li l-fornituri jiżguraw li jkollhom proċessi interni adegwati biex iqisu **l-analiżijiet indipendenti** tal-istat tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, bħall-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja ⁽¹⁹⁾, l-għarfien ta' inizjattivi u indikaturi tal-litteriżmu medjatiku, u informazzjoni dwar l-eżistenza ta' spazju abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika u fid-diskors ċiviku. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-kapaċità tal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti kollha li jaħdmu b'mod effettiv fil-kuntest lingwistiku u elettorali lokali.
22. Sabiex jissaħħu l-proċessi u r-riżorsi interni f'kuntest elettorali partikolari, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jenħtieġ li jikkunsidraw li jistabbilixxu **tim intern iddedikat u identifikabbli b'mod ċar** qabel kull perjodu elettorali individwali (ara wkoll it-taqsim 3.5. "Matul perijodu elettorali"). L-allokazzjoni tar-riżorsi għal dak it-tim għandha tkun proporzjonata għar-riskji identifikati għall-elezzjoni inkwistjoni, inkluż il-persunal minn persuni b'għarfien espert speċifiku għall-Istat Membru, bħall-għarfien lokali, kuntestwali u lingwistiku. It-tim għandu jkopri l-għarfien espert rilevanti kollu, inkluż foqsmha bħall-moderazzjoni tal-kontenut, il-verifika tal-fatti, it-tfixkil fit-theddid, it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà, id-diżinformazzjoni u l-FIMI, id-drittijiet fundamentali u l-parteċipazzjoni pubblika u jikkoopera ma' esperti esterni rilevanti, pereżempju maċ-ċentri tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO) u mal-organizzazzjonijiet indipendenti tal-verifika tal-fatti ⁽²⁰⁾.
23. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jiddefinixxu fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom il-perjodu li matulu se jkunu fis-seħħ miżuri u riżorsi li huma speċifiċi għall-mitigazzjoni tar-riskji għall-proċess elettorali. Ċerti miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju bħal proċessi interni addizzjonali jew timijiet iddedikati jistgħu jkunu meħtieġa biss madwar perjodu elettorali speċifiku, skont ir-riskju ta' fornitur partikolari u l-ispeċifitajiet tal-elezzjoni inkwistjoni.
24. Barra minn hekk, xi Stati Membri għandhom perjodu ta' żmien stabbilit għall-kampanji elettorali skont il-liġijiet nazzjonali, filwaqt li oħrajn le. Dan għandu jitqies mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs. F'konformità mal-għarfien dwar il-progressjoni tat-theddid mistenni matul l-elezzjonijiet mit-Tieni Rapport tas-SEAE dwar il-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u Interferenza minn Barranin (FIMI) ⁽²¹⁾, il-Kummissjoni tirrakkomanda li, skont il-valutazzjoni tar-riskju għall-elezzjoni partikolari u meta jitqiesu l-proċeduri elettorali applikabbli, ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u li jiffunzjonaw mill-inqas minn xahar sa sitt xhur qabel perjodu elettorali, u jkomplu mill-inqas xahar wara l-elezzjonijiet.

⁽¹⁸⁾ Dan jinkludi r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)

⁽¹⁹⁾ <https://cmpf.eui.eu/media-pluralism-monitor/>

⁽²⁰⁾ Ara t-taqsim 3.4. dwar "Cooperation with national authorities, independent experts and civil society organisations"

⁽²¹⁾ EEAS-2nd-Report on FIMI Threats-January-2024_0.pdf (europa.eu)

25. Skont il-kuntest speċifiku, il-miżuri ta' mitigazzjoni normalment jiġu intensifikati matul il-perjodu qabel id-data tal-elezzjonijiet, filwaqt li jitqiesu r-regoli nazzjonali dwar l-elezzjonijiet, riskju akbar għat-theddid, u l-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni preċiża dwar il-proċeduri tal-votazzjoni.

3.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-proċessi elettorali

26. Il-miżuri ta' mitigazzjoni għar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali għandhom ikunu bbażati, b'mod partikolari, fuq l-istandards tal-industrija stabbiliti permezz tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u kodiċijiet rilevanti oħra tal-industrija tal-UE, bħall-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda Online, u mill-aħjar prattiki eżistenti bħal dawk kondiviżi mill-Forum tal-UE dwar l-Internet, dawk dokumentati fil-Qafas għall-Integrità Elettorali Anjostiku għall-Kontenut għall-Pjattaformi Online ⁽²²⁾ u fil-Programm tal-Integrità Elettorali tal-Istitut tal-Integrità ⁽²³⁾ kif ukoll minn rakkomandazzjonijiet mis-soċjetà ċivili, bħal dawk mill-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa u s-Sħubija Ewropea għad-Demokrazija ⁽²⁴⁾.

3.2.1. Miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni

27. B'mod speċifiku, il-miżuri ta' mitigazzjoni mmirati biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali għandhom jinkludu miżuri fl-oqsma li ġejjin:
- a) **Aċċess għall-informazzjoni uffiċjali dwar il-proċess elettorali.** Biex tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-votanti u jiġi evitat it-tixrid ta' miżinformazzjoni, diżinformazzjoni u l-FIMI dwar il-proċess elettorali nnifsu, l-aħjar prattika għall-VLOPS u għall-VLOSEs hija li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni uffiċjali dwar il-proċess elettorali, inkluża informazzjoni dwar kif u fejn għandhom jivvutaw, abbażi ta' informazzjoni uffiċjali mill-awtoritajiet elettorali tal-Istati Membri kkonċernati. Tali informazzjoni tista' tiġi pprovduta, pereżempju, permezz ta' panels ta' informazzjoni, banners, pop-ups, interventi ta' tiftix, links għal siti web tal-awtoritajiet elettorali, tabs speċifiċi ta' informazzjoni dwar l-elezzjonijiet jew parti ddedikata tal-pjattaforma. Meta jitfasslu u jiġu implimentati tali miżuri ta' mitigazzjoni, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs iqisu prinċipji bħall-inklużività u l-aċċessibbiltà.
 - b) **Inizjattivi ta' litteriżmu medjatiku.** L-aħjar prattika għall-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs hija li jikkollaboraw, jimplementaw, jinvestu u jinvolvu ruħhom f'inizjattivi u kampanji ta' litteriżmu medjatiku li jiffukaw fuq l-elezzjonijiet biex irawmu l-ħsieb kritiku u jtejbju l-ħiliet tal-utenti fir-rikonoxximent tat-tekniki ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni, relatati wkoll mal-IA ġenerattiva. Dan jista' jinkiseb permezz ta':
 - i. Il-kollaborazzjoni mal-**organizzazzjonijiet lokali tal-litteriżmu medjatiku**, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet, il-gruppi u n-networks rilevanti, l-appoġġ, il-kondiviżjoni u l-integrazzjoni finanzjarja ta' inizjattivi u kampanji relatati mal-elezzjonijiet fuq il-pjattaforma, inkluż billi jiġu żviluppati inizjattivi konġunti. L-organizzazzjonijiet lokali tal-litteriżmu medjatiku jirrappreżentaw riżorsa siewja f'termini ta' għarfien tal-kuntesti lokali u tal-udjenzi fil-mira. Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-użu tan-network tal-EDMO u taċ-ċentri tiegħu u l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Litteriżmu Medjatiku biex jinstabu l-organizzazzjonijiet rilevanti fil-livell tal-Istati Membri.

⁽²²⁾ Demoracy By Design – Accountable Tech

⁽²³⁾ Elections Program — Integrity Institute

⁽²⁴⁾ DSA: New Risk Assessments To Protect Civic Discourse and Electoral Processes liberties.eu

- ii. L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' **miżuri ta' inokulazzjoni** li jibnu r-reżiljenza b'mod preventiv kontra narrattivi ta' diżinformazzjoni mistennija u possibbli u tekniki ta' manipulazzjoni billi jinfurmaw u jħejju lill-utenti. Tali miżuri għandhom iqisu l-kuntest lokali speċifiku fejn jitwettqu u għandhom jiġu kkomplementati minn miżuri oħra li jipprovdu informazzjoni affidabbli lill-utenti. Il-miżuri ta' inokulazzjoni jistgħu jieħdu forom differenti, inkluż pereżempju, interventi fil-forma ta' loġhob, bħall-parteċipazzjoni f'loġhob online dwar il-ġenerazzjoni ta' diżinformazzjoni li tinkoraġġixxi riflessjoni kritika dwar it-tattiċi użati biex jinfluwenzaw ⁽²⁵⁾, vidjo jew tipi oħra ta' kontenut ⁽²⁶⁾, u fejn fattibbli, għandhom jiġu implimentati fl-app biex titrawwem il-faċilità tal-aċċess.
- iii. Meta jiġu mfassla kampanji ta' litteriżmu medjatiku, huwa rrakkomandat li l-fornituri tal-VLOPs jew tal-VLOSEs iqisu narrattivi speċifiċi kif ukoll tattiċi, tekniki u proċeduri (TTPs) li jikkontribwixxu għal riskji sistemiċi li x'aktarx iseħħu qabel, matul u wara elezzjoni, f'konformità mal-approċċ tal-adattament tal-miżuri ta' mitigazzjoni għall-**kuntest nazzjonali rilevanti u għall-udjenzi fil-mira**.
- c) **Miżuri li jipprovdu lill-utenti b'aktar informazzjoni kuntestwali** dwar il-kontenut u l-kontinjuet li jinvolvu ruħhom magħhom. Eżempji ta' dan jinkludu:
- i. **Tikketti tal-verifika tal-fatti** dwar id-diżinformazzjoni identifikata u l-kontenut tal-FIMI pprovduti minn verifikaturi tal-fatti indipendenti u timijiet ta' verifika tal-fatti ta' organizzazzjonijiet tal-media indipendenti. Il-kopertura tal-verifika tal-fatti għandha testendi madwar l-UE u l-lingwi tagħha, fost l-oħrajn permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-verifikaturi tal-fatti lokali matul il-perjodi elettorali, l-integrazzjoni u l-wiri tal-kontenut tal-verifika tal-fatti relatat mal-elezzjonijiet kif ukoll l-użu ta' mekkaniżmi biex jgħinu jżidu l-impatt ta' dawn fuq l-udjenzi. It-tikketti tal-verifika tal-fatti għandhom ikunu aċċessibbli u miktuba b'lingwaġġ li jinftiehem faċilment.
- ii. **Tfakkir** li jhajar lill-utenti jaqraw il-kontenut u jevalwaw il-preċiżjoni u s-sors tiegħu qabel ma jaqsmuh.
- iii. **Indikazzjonijiet** ċari, viżibbli u mhux qarrieqa **tal-kontinjuet uffiċjali**, kif ukoll kontinjuet li jipprovdu informazzjoni awtorevoli dwar il-proċess elettorali, bħall-kontinjuet tal-awtoritajiet elettorali, inkluż il-bażi li fuqha tiġi stabbilita tali verifika. Il-kriterji li jwasslu għal tikketta "uffiċjali" għal kont partikolari għandhom ikunu disponibbli faċilment u pprovduti b'lingwaġġ li jinftiehem faċilment, biex jiġi evitat li tali indikazzjonijiet jagħtu kredibilità lill-kontinjuet li jippersonalizzaw kontinjuet uffiċjali, bħal dawk tal-awtoritajiet elettorali.
- iv. Tikkettar ċar, viżibbli u mhux qarrieqa **tal-kontinjuet ikkontrollati** mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u entitajiet ikkontrollati jew iffinanzjati minn entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi.
- v. **Għodod u informazzjoni biex jgħinu lill-utenti jivvalutaw l-affidabbiltà** tas-sorsi ta' informazzjoni, bħal marki ta' fiduċja ffukati fuq l-integrità tas-sors abbażi ta' metodoloġiji trasparenti u żviluppjati minn partijiet terzi indipendenti.
- vi. **Għodod oħra għall-valutazzjoni tal-provenjenza**, għall-editjar tal-istorja, tal-awtentiċità, jew tal-preċiżjoni tal-kontenut diġitali. Dawn jgħinu lill-utenti jivverifikaw l-awtentiċità jew jidentifikaw il-provenjenza jew is-sors tal-kontenut relatat mal-elezzjonijiet.
- vii. Jiġu stabbiliti miżuri interni effettivi biex jiġi **miġġieled l-użu ħażin** ta' kwalunkwe waħda mill-proċeduri u l-għodod imsemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-abbuż tal-proċess ta' verifika għall-kontinjuet u l-kontenut ittikkettati.

⁽²⁵⁾ Traberg, C. S., Roozenbeek, J., & ampvan der Linden, S. (2022). Psychological Inoculation against Misinformation: Current Evidence and Future Directions. *The Annals of the American Academy of Political and Social Science*, 700(1), 136-151. <https://doi.org/10.1177/00027162221087936>

⁽²⁶⁾ Jon Roozenbeek *et al.*, Psychological inoculation improves resilience against misinformation on social media. *Sci. Adv.* **8**, eabo6254 (2022). DOI:10.1126/sciadv.abo6254

- d) **Is-sistemi ta' rakkomandazzjoni** jista' jkollhom rwol sinifikanti fit-tfassil tax-xenarju tal-informazzjoni u tal-opinjoni pubblika, kif rikonoxxut fil-premessi 70, 84, 88, u 94, kif ukoll fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2022/2065. Sabiex jittaffa r-riskju li tali sistemi jistgħu joħolqu fir-rigward tal-proċessi elettorali, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jikkunsidraw:
- L-iżgurar li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni jifasslu u jiġu aġġustati b'mod li jagħti lill-utenti għażliet u kontrolli sinifikanti fuq il-feeds tagħhom, b'kunsiderazzjoni xierqa għad-diversità u l-pluraliżmu tal-media;
 - L-istabbiliment ta' miżuri biex titnaqqas il-prominenza tad-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet abbażi ta' metodi ċari u trasparenti, eż. fir-rigward ta' kontenut qarrieqi li jkun ġie vverifikat bħala falz jew li jkun ġej minn kontijiet li ripetutament instabu li jxerrdu d-diżinformazzjoni;
 - L-istabbiliment ta' miżuri biex tiġi limitata l-amplifikazzjoni ta' kontenut qarrieqi jew falz iġġenerat mill-IA fil-kuntest tal-elezzjonijiet permezz tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom;
 - Il-valutazzjoni regolari tal-prestazzjoni u tal-impatt tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni u l-indirizzar ta' kwalunkwe riskju jew kwistjoni emerġenti relatata mal-proċessi elettorali, inkluż billi jiġu aġġornati u rfinati l-politiki, il-prattiki u l-algoritmi;
 - L-istabbiliment ta' miżuri li jipprovdu trasparenza madwar it-tfassil u l-funzjonament tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* u l-informazzjoni użati fit-tfassil ta' sistemi li jrawmu l-pluraliżmu tal-media u d-diversità tal-kontenut, biex jiġu ffaċilitati l-iskrutinju u r-riċerka ta' partijiet terzi;
 - L-involvement ma' partijiet esterni biex iwettqu ttestjar avversarju u eżerċizzji ta' timijiet ħomor fuq dawn is-sistemi biex jidentifikaw riskji potenzjali bħal riskji li jirriżultaw minn preġudizzji, suxxettibbiltà għall-manipulazzjoni, jew amplifikazzjoni ta' miżinformazzjoni, diżinformazzjoni, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin jew kontenut dannuż ieħor.
- e) **Ir-reklamar politiku.** Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jingħataw il-parir li jħejju għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/900 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku ("ir-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku") u li jagħtu attenzjoni partikolari biex jikkunsidraw id-dispożizzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 5(1)) li se tidħol fis-seħħ 20 jum wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament fl-20 ta' Marzu 2024 ⁽²⁷⁾. Il-fornituri kollha tal-pjattaformi online huma responsabbli biex jiżguraw li jkun hemm konformità ma' din id-dispożizzjoni. Dan ir-Regolament jiddefinixxi r-reklamar politiku bħala t-tnejjija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni, it-twassil, jew id-disseminazzjoni ta' messaġġi minn, għal jew f'isem atturi politiċi, sakemm ma jkunux ta' natura purament privata jew purament kummerċjali; jew li huma predisposti u mfassla biex jinfluwenzaw l-imġiba tal-votazzjoni jew l-eżitu ta' elezzjoni, referendum, jew proċess leġiżlattiv jew regolatorju, fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma mħeġġa jqisu d-definizzjonijiet ipprovduti mir-regolament meta japplikaw dawn il-linji gwida. Jekk fornitur ta' VLOP jew ta' VLOSE joffri l-possibbiltà li r-reklami politiċi jitqiegħdu fuq is-servizz tiegħu, il-Kummissjoni tirrakkomanda li, meta jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2022/2065 u f'konformità mar-regolament li jmiss dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, dawn **jiġu ttikkettati b'mod ċar, prominenti u mhux ambigwu** u f'ħin reali biex l-utenti jkunu jistgħu jifhmu li l-kontenut muri fih reklamar politiku. Barra minn hekk, it-tikketti applikati għandhom jibqgħu fis-seħħ meta jiġu kondiviżi mill-utenti fuq l-istess pjattaforma. Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jallinjaw il-politiki tagħhom mar-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu li jikkomplementaw l-obbligi legali li jirriżultaw mill-Artikoli 26 u 39 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

⁽²⁷⁾ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?pk_content=regulation&pk_keyword=trasparenza_of_political_advertising&uri=OJ%3AL_202400900.L-Artikoli 3 u 5 \(1\) jidħlu fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ fid-9 ta' April 2024](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?pk_content=regulation&pk_keyword=trasparenza_of_political_advertising&uri=OJ%3AL_202400900.L-Artikoli%203%20u%205%20(1)%20jidhlu%20fis-sehh%20mad-dhul%20fis-sehh%20fid-9%20ta%20April%202024). Il-bqija tar-Regolament jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2025.

- i. Jipprovdu lill-utenti b'**informazzjoni** dwar ir-reklami politiċi li jaraw, bħall-**identità tal-isponsor** u, fejn applikabbli, l-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor; il-perjodu li matulu r-reklam politiku huwa maħsub li jiġi ppubblikat, ikkonsenjat jew disseminat; **l-ammonti aggregati u l-valur aggregat** ta' benefiċċji oħra riċevuti mill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku; kif ukoll informazzjoni sinifikanti dwar il-parametri ewlenin użati biex jiġi ddeterminat ir-riċevitur li lilu jiġi ppreżentat ir-reklam.
 - ii. Iżommu **repożitorju ta' reklami politiċi** disponibbli għall-pubbliku u għat-tiftix, aġġornat kemm jista' jkun qrib il-ħin reali. Dan għandu jinkludi, bħala minimu, l-għadd totali ta' riċevituri tas-servizz milħuq u, fejn applikabbli, in-numri aggregati maqsuma skont l-Istat Membru għall-grupp jew gruppi ta' riċevituri li r-reklam kien immirat speċifikament, kif awtorizzat mill-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u jista' jinkludi wkoll eż., l-ammonti aggregati u l-valur aggregat ta' benefiċċji oħra riċevuti mill-fornituri, l-għadd ta' impressjonijiet u ż-żoni ġeografiċi li fihom ġie ppreżentat ir-reklam.
 - iii. Meta ma jippermettux reklamar politiku fuq is-servizzi tagħhom, għandu jkollhom fis-seħħ **sistemi ta' verifika** effiċjenti u għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżjoni tiġi infurzata kif xieraq.
 - iv. Jiżguraw li jkun hemm politiki u sistemi adegwati fis-seħħ biex **jipprevjenu l-użu ħażin tas-sistemi ta' reklamar** biex ixerrdu informazzjoni qarrieqa, diżinformazzjoni u l-FIMI fir-rigward tal-proċessi elettorali, inkluż kontenut ġenerattiv tal-IA qarrieqi.
- f) **L-influwenzaturi** jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-għażliet elettorali li jsiru mir-riċevituri tas-servizz, peress li huma dejjem aktar involuti fl-iffaċilitar tad-dibattitu politiku online. F'dan ir-rigward, u sabiex tiżdied it-trasparenza, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom:
- i. Jipprovdu funzjonalità li tippermetti lill-influwenzaturi jiddikjaraw jekk il-kontenut li jipprovdu huwiex jew fihx reklamar politiku, inkluża l-identità tal-isponsor u, fejn applikabbli, l-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor; l-identità tal-isponsor u, fejn applikabbli, l-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor; il-perjodu li matulu r-reklam politiku huwa maħsub li jiġi ppubblikat, ikkonsenjat jew disseminat; l-ammonti aggregati u l-valur aggregat ta' benefiċċji oħra riċevuti mill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku; il-perjodu ta' wiri, kif ukoll informazzjoni sinifikanti dwar il-parametri ewlenin użati biex jiġi ddeterminat ir-riċevitur li lilu jiġi ppreżentat ir-reklam.
 - ii. Jiżguraw li riċevituri oħra tas-servizz ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod ċar, prominenti u mhux ambigwu u f'ħin reali, inkluż permezz ta' tikkettar prominenti, li l-kontenut ipprovdut ikun jew ikun fih reklamar politiku, kif deskritt fid-dikjarazzjoni tal-influwenzatur.
- g) **Demonetizzazzjoni tal-kontenut ta' diżinformazzjoni.** Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs ikollhom fis-seħħ politiki u sistemi mmirati biex jiżguraw li t-tqegħid tar-reklamar ma jipprovdux inċentivi finanzjarji għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u tal-FIMI fir-rigward tal-proċessi elettorali u kontenut ta' mibegħda, estremist (vjolenti) jew radikalizzat li jista' jinfluwenza lill-individwi fl-għażliet elettorali tagħhom.
- h) **Integrità tas-Servizzi.** Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa biex jiżguraw id-detezzjoni u t-tfixkil f'waqthom u effettivi tal-manipulazzjoni tas-servizz meta dan ikun ġie identifikat minnhom bħala riskju sistemiku rilevanti, filwaqt li titqies l-aħjar evidenza disponibbli. Pereżempju, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom jistgħu jinkludu regoli speċifiċi kontra l-ħolqien ta' kontijiet jew botnets inawtentiċi (li jistgħu jinkludu kontijiet awtomatizzati, parzjalment awtomatizzati, jew mhux awtomatizzati), jew użu qarrieqi ta' servizz.
- i. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jiżviluppaw u jinfurzwaw ir-regoli tagħhom, jipprevjenu l-qerq permezz tal-impersonazzjoni tal-kandidati, l-użu ta' media manipulata qarrieqa, l-użu ta' impenji foloz, messaġġi mħallsa mhux trasparenti, jew promozzjoni mhux trasparenti mill-influwenzaturi, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-ħolqien jew l-imġiba ta' kontenut mhux awtentiku.
 - ii. Il-Kummissjoni tirrakkomanda kooperazzjoni bejn it-timijiet rilevanti ta' fornituri differenti tal-VLOPs u tal-VLOSEs biex jiġi identifikat theddid komuni u biex jiġu miġġielda l-kampanji ta' diżinformazzjoni bejn il-pjattaformi, l-attività tal-FIMI jew mibegħda, estremista (vjolenti) jew ta' radikalizzazzjoni li tista' tinfluwenza lill-individwi fl-għażliet elettorali tagħhom u l-migrazzjoni ta' atturi malizzjużi (ara t-taqsimha 3.4 dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-esperti indipendenti, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili).

28. Meta titqies in-natura li qed tevolvi tal-fehim tar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali, il-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom ikunu marbuta ma' analiżi, ittestjar u rieżami rigorużi u kritiċi tal-impatt intenzjonat u potenzjalment mhux intenzjonat tagħhom. Bħala tali, il-miżuri ta' mitigazzjoni effettivi għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni u għarfien xjentifiku disponibbli. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs ifasslu, jevalwaw u jottimizzaw b'mod proattiv metriċi tal-prestazzjoni validi kunċettwalment għall-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni, pereżempju permezz tal-ittejtjar A/B tal-għażliet tal-karatteristiċi u tad-disinn. Dawn il-metriċi tal-prestazzjoni għandhom jiġu analizzati bħala parti mill-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-fornituri u stabbiliti biex ikejlu s-suċċess tal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti matul elezzjoni partikolari. Dawn il-metriċi għandhom ikunu SMART (speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jinkisbu, rilevanti u marbuta biż-żmien) u għandhom ikunu kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi.

3.2.2 Skrutinju, riċerka u aċċess għad-data minn partijiet terzi

29. **L-iskrutinju minn partijiet terzi u r-riċerka** dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni huma importanti biex jgħinu lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jiżguraw li l-miżuri li jstabbilixxu jkunu effettivi u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, kif ukoll il-prinċipji demokratiċi. L-aċċess stabbli u affidabbli għad-data għall-iskrutinju ta' partijiet terzi huwa ta' importanza kbira matul il-perjodi elettorali biex jiġu żgurati t-trasparenza, isir progress fl-għarfien u biex jingħata kontribut għall-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju madwar l-elezzjonijiet. Minbarra l-obbligi legali tagħhom skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jipprovdu aċċess liberu għad-data biex jistudjaw ir-riskji relatati mal-proċessi elettorali, inkluż, fejn meħtieġ, dawk mhux disponibbli fuq l-interfaċċa tal-VLOPs u tal-VLOSEs, lill-partijiet ikkonċernati rilevanti ta' partijiet terzi. B'mod ġenerali, huma rakkomandati attivitajiet ta' kooperazzjoni *ad hoc* biex ifasslu u, jekk ikun meħtieġ, jaġġustaw malajr il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tagħhom fir-rigward tal-proċessi elettorali. Wara l-aħjar Prattika Dokumentata (), jistgħu jitqiesu miżuri differenti sabiex wieħed jinvolvi ruħu f'attivitajiet bħal dawn ma' partijiet terzi.
30. Minbarra l-għodod u politiki oħra ta' aċċess fis-seħħ għall-konformità mal-Artikolu 40(12) tar-Regolament (UE) 2022/2065, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu għodod jew karatteristiċi addizzjonali u mfaċċa apposta, inklużi dawk meħtieġa biex jiġu studjati u skrutinizzati l-mudelli tal-IA, id-dashboards viżwali, il-punti tad-data addizzjonali li jiżiedu mal-għodod eżistenti jew il-forniment ta' settijiet ta' data speċifiċi. L-aċċess għal tali għodod jew karatteristiċi jista' jiġi estiż għal firxa usa' ta' partijiet terzi, minbarra r-riċerkaturi eliġibbli skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2022/2065.
31. Fil-qasam tar-reklamar politiku, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri rilevanti tal-VLOPs u tal-VLOSEs jiżguraw li l-għodod u l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) li jippermettu r-riċerka dwar ir-repożitorji tar-reklamar politiku tagħhom ⁽²⁸⁾ ikunu adatti għall-iskop tagħhom u jippermettu riċerka sinifikanti dwar id-diżinformazzjoni, il-kampanji tal-FIMI u kontenut ta' mibegħda, estremist (vjolenti) jew radikalizzanti li jiġi disseminat biex jinfluwenza lill-individwi fl-għażliet elettorali tagħhom matul l-elezzjonijiet, inklużi l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data personali. Dan jenħtieġ li jinkludi sett ta' funzjonalitajiet minimi u kriterji ta' tiftix li jippermettu lill-utenti u lir-riċerkaturi jwettqu tftixxijiet personalizzati għad-data fl-eqreb ħin reali possibbli matul il-perjodu elettorali (eż. tftixxijiet għal kull reklamatur jew kandidat, elezzjoni, żona ġeografika jew pajjiż, lingwa).
32. Minbarra r-rapporti msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs ikunu **trasparenti** kemm jista' jkun għall-pubbliku dwar it-tfassil, il-funzjonament u l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni relatati mal-proċessi elettorali biex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku li min-naħa tiegħu jista' jkollu impatt fuq it-tfassil ta' miżuri ta' mitigazzjoni effettivi. Matul il-perjodi elettorali, huwa ta' importanza partikolari li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs juru li d-deċiżjonijiet ta' moderazzjoni tal-kontenut ma jaffettwawx l-ugwaljanza tal-kandidati jew jiffavorixxu jew jippromwovu b'mod sproporzjonat l-ilħna li jirrappreżentaw ċerti fehmiet (polarizzati).

⁽²⁸⁾ Ara r-rakkomandazzjoni fit-taqsimha 3.2.1. (e) għall-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs biex jallinjaw il-politiki tagħhom mar-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu

3.2.3. *Drittijiet fundamentali*

33. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, meħuda f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2022/2065, għandhom jittieħdu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. F'konformità mal-Premessa 47 ta' dak ir-Regolament, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom iqisu kif xieraq l-istandards internazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem bħall-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs). Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll rapporti indipendenti rilevanti ⁽²⁹⁾ meta jitfasslu u jiġu infurzati l-miżuri ta' mitigazzjoni.
34. Meta jiġu mmitigati r-riskji sistemiċi għall-integrità elettorali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa lill-impatt tal-miżuri biex jiġi indirizzat il-kontenut illegali bħall-inkitament pubbliku għall-vjolenza u l-mibegħda sal-punt li tali kontenut illegali jista' jimpedixxi jew isikket l-ilħna fid-dibattitu demokratiku, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw gruppi vulnerabbli jew minoranzi. Pereżempju, il-forom ta' razzizzmu, jew id-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online inkluż fil-kuntest ta' ideoloġija estremista vjolenti jew terroristika jew il-FIMI mmirati lejn il-komunità LGBTIQ+ ⁽³⁰⁾ jistgħu jdgħajfu d-djalogi u d-dibattiti miftuħa u demokratiċi, u jkomplu jżidu d-diviżjoni soċjali u l-polarizzazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online jista' jintuża bħala ispirazzjoni meta tiġi kkunsidrata azzjoni xierqa.
35. Minbarra l-involvement tal-atturi rilevanti matul il-valutazzjoni tar-riskju, kif imsemmi fil-premessa 90 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jagħmlu disponibbli l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali mwettqa bħala parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkonsultati f'dan il-proċess hekk kif jiġu konklużi, jiġifieri possibbilment aktar kmieni milli meħtieġ skont l-Artikolu 42(4) ta' dak ir-Regolament. Dan jista' jipprovdi spazju għal djalogu miftuħ kostruttiv dwar prattiki tajbin possibbli u titjib potenzjali.

3.3. **Miżuri ta' mitigazzjoni marbuta mal-IA ġenerattiva**

36. L-iżviluppi teknoloġiċi reċenti fl-IA ġenerattiva ppermettew il-ħolqien u l-użu mifruż ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali li kapaċi jiġġeneraw test, immaġnijiet, vidjos, jew kontenut sintetiku ieħor. Filwaqt li żviluppi bħal dawn jistgħu jgħibu ħafna opportunitajiet ġodda, dawn jistgħu jwasslu għal riskji sistemiċi speċifiċi fil-kuntest tal-elezzjonijiet. B'mod partikolari, l-IA ġenerattiva tista' tiġi abbużata biex tqarraq bil-votanti jew biex timmanipula l-proċessi elettorali billi toħloq u xxerred kontenut sintetiku mhux awtentiku, preġudikat u qarrieqi (inkluż test, awdjo, immaġnijiet fissi u vidjo) rigward atturi politiċi, rappreżentazzjoni falza ta' avvenimenti, sħarriġ elettorali, kuntesti jew narrattivi. Is-sistemi tal-IA ġenerattivi jistgħu jipproduċu wkoll informazzjoni skorretta, inkoerenti jew iffabbrikata, l-hekk imsejħa "alluċinazzjonijiet", li jirrappreżentaw b'mod ħażin ir-realtà, u li potenzjalment jistgħu jqarrqu bil-votanti.
37. Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jivvalutaw ir-riskji sistemiċi fil-kuntest tal-elezzjonijiet, bħal dawk imsemmija hawn fuq, u jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi mfassla għar-riskji relatati kemm mal-ħolqien kif ukoll mad-disseminazzjoni ta' kontenut tal-IA ġenerattiv, skont in-natura tas-servizz tagħhom. L-aħjar prattiki li jistgħu jinfirmaw il-miżuri rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju diġà jistgħu jittieħdu mill-Att dwar l-IA u l-Patt dwar l-IA. Partikolarment rilevanti f'dan il-kuntest huma l-obbligi previsti fl-Att dwar l-IA għall-fornituri ta' mudelli tal-IA għal skopijiet ġenerali, fosthom l-IA ġenerattiva, ir-rekwiżiti għat-tikkettar ta' "deep fakes" u għall-fornituri ta' sistemi tal-IA ġenerattivi biex jużaw soluzzjonijiet tekniċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniċu biex jiżguraw li l-kontenut maħluq

⁽²⁹⁾ Xi eżempji jinkludu d-dokument ta' politika Access Now u l-European Center for Not-for-Profit Law "Towards meaningful fundamental rights impact assessments under the DSA", Danish Institute for Human Rights, Guidance on Human Rights Impact Assessment of Digital Activities, Julian Jaursch, Josefine Bahro, Asha Allen, Claire Pershan and Katarzyna Szymielewicz, DSA risk mitigation: Current Practices, ideas and open questions

⁽³⁰⁾ FIMI targeting LGBTIQ+ people: Well-informed analysis to protect human rights and diversity | EEAS (europa.eu)

permezz tal-IA ġenerattiva jkun immarkat fformat li jinqara mill-magni u li jista' jiġi identifikat bħala tali, li se jippermetti d-detezzjoni tiegħu mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jallinjaw il-politiki tagħhom mal-Att dwar l-IA qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, f'konformità mal-Patt dwar l-IA.

38. Il-miżuri ta' mitigazzjoni marbuta mal-IA ġenerattiva għandhom jiġu applikati mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs, sal-punt li jkunu teknikament fattibbli, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-impatti ta' tali miżuri fuq id-drittijiet fundamentali protetti skont il-Karta. Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll kollaborazzjoni bejn l-industriji biex jiġu żviluppatti aktar miżuri ta' mitigazzjoni effettivi għall-IA ġenerattiva fil-kuntest tal-Kodiċijiet ta' Prattika għall-mudelli tal-IA bi skop ġenerali u t-trasparenza tal-kontenut iġġenerat mill-IA li għandhom jiġu żviluppatti skont l-Att dwar l-IA.
39. Wara r-riskji speċifiċi reali jew prevedibbli għall-proċessi elettorali identifikati, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs li s-servizzi tagħhom jistgħu jintużaw għall-ħolqien ta' kontenut ġenerattiv tal-IA qarrieqi, preġudikat jew falz ikollhom fis-seħħ il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li ġejjin, sa fejn dan ikun teknikament fattibbli, u skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali:
- Jiżguraw li l-kontenut ġenerattiv tal-IA, u tipi oħra ta' media sintetika u manipulata, ikunu jistgħu jiġu identifikati – b'mod partikolari bl-użu ta' tekniki u metodi affidabbli, interoperabbli, effettivi u robusti biżżejjed, bħall-**marki tal-ilma**, l-identifikazzjonijiet tal-metadata, il-metodi kriptografiċi biex tiġi ppruvata l-provenjenza u l-awtentiċità tal-kontenut, il-metodi ta' reġistrazzjoni, il-marki tas-swaba' jew tekniki oħra, skont kif ikun xieraq, filwaqt li jitqiesu l-istandards eżistenti. Dan huwa partikolarment importanti għal kwalunkwe kontenut ġenerattiv tal-IA li jikkonċerna kandidati, politiċi, jew partiti politiċi. Il-marki tal-ilma u l-metadata jistgħu jiġu applikati wkoll għall-kontenut li jkun ibbażat fuq filmati inizjalment awtentiċi (bħal vidjos, immaġnijiet jew awdjo) li sussegwentement ikun inbidel permezz tal-użu ta' IA ġenerattiva;
 - Jagħmlu sforzi biex jiżguraw li l-**informazzjoni** iġġenerata mis-sistemi tal-IA tkun ibbażata **kemm jista' jkun fuq sorsi affidabbli** fil-kuntest elettorali, bħal informazzjoni uffiċjali mill-awtoritajiet elettorali rilevanti, u li kwalunkwe kwotazzjoni jew referenza magħmula mis-sistema għal sorsi esterni tkun preċiża u ma tirrappreżentax ħażin il-kontenut iċċitat, u b'hekk tillimita l-effetti tal- "alluċinazzjonijiet";
 - Iwissu lill-utenti dwar żbalji potenzjali fil-kontenut maħluqa minn sistemi tal-IA ġenerattivi u jissuġġerixxu li **jikkonsultaw sorsi awtorevoli** biex jivverifikaw il-veraċità ta' tali informazzjoni, kif ukoll jistabbilixxu salvagwardji biex jipprevjenu l-ħolqien ta' kontenut falz li jista' jkollu potenzjal qawwi li jinfluwenza l-imġiba tal-utenti;
 - Iwettqu u jiddokumentaw eżerċizzji ta' ttestjar tat-**tim l-aħmar** u b'enfasi partikolari fuq il-proċessi elettorali, kemm b'timijiet interni kif ukoll b'esperti esterni, qabel ma jirrilaxxaw sistemi tal-IA ġenerattivi lill-pubbliku u jsegwu approċċ ta' rilaxx gradwali meta jagħmlu dan biex jikkontrollaw aħjar il-konsegwenzi mhux intenzjonati;
 - Jistabbilixxu metriċi tal-prestazzjoni xierqa, inkluż għas-sikurezza u l-preċiżjoni fattwali tat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet dwar il-kontenut elettorali, u **jimmonitorjaw kontinwament il-prestazzjoni tas-sistemi tal-IA ġenerattivi**, u jieħdu azzjonijiet xierqa meta jkun meħtieġ;
 - Jintegraw f'sistemi tal-IA ġenerattivi salvagwardji li jżidu s-**sikurezza** tagħhom, bħal klassifikaturi fil-pront, moderazzjoni tal-kontenut u filtri oħra, biex jidentifikaw u jipprevjenu indikazzjonijiet li jmorru kontra t-termini tas-servizz tal-fornitur tal-VLOP jew tal-VLOSE dwar il-proċessi elettorali; jieħdu miżuri xierqa oħra li jfittxu li jipprevjenu l-użu ħażin tas-sistema tal-IA ġenerattiva għal skopijiet illegali, manipulattivi u ta' diżinformazzjoni fil-kuntest tal-proċessi elettorali;
 - Għall-kontenut tat-test, b'mod partikolari, indika, fejn possibbli, fl-outputs iġġenerati **s-sorsi konkreti tal-informazzjoni użata** bħala data tal-input jew ipprovdni mezzi oħra biex l-utenti jkunu jistgħu jivverifikaw l-affidabbiltà u jikkuntestwalizzaw aktar l-informazzjoni.
40. Wara r-riskji speċifiċi reali jew prevedibbli għall-proċessi elettorali identifikati, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs li s-servizzi tagħhom jistgħu jintużaw biex ixerrdu kontenut ġenerattiv tal-IA qarrieqi jew falz iqisu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li ġejjin, sa fejn ikun teknikament fattibbli skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali:

- a) Jadattaw **it-termini u l-kundizzjonijiet** tagħhom u jiżguraw l-infurzar tagħhom, biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-firxa u l-impatt tal-kontenut ġenerattiv tal-IA li juri diżinformazzjoni jew miżinformazzjoni dwar il-proċess elettorali, b'hal irregolaritajiet elettorali.
- i. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jipprovdu informazzjoni pubblika ċara dwar liema proċessi interni u miżuri ta' mitigazzjoni, b'hat-tikkettar, l-immarkar, it-twaqqiġ jew it-tneħħija, huma fis-seħħ biex jinfurzew dawn il-politiki;
 - ii. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jikkooperaw u jikkondividu informazzjoni dwar tali kontenut qarrieqi mal-verifikaturi tal-fatti biex jiżguraw li r-riskju ta' amplifikazzjoni fi pjattaformi oħra jiġi minimizzat.
- b) **Jittikkettjaw b'mod ċar**, jew inkella jagħmlu distingwibbli permezz ta' marki prominenti, immaġnijiet sintetiċi jew manipulati, awdjo jew vidjos li jixbhu b'mod apprezzabbli persuni, oġġetti, postijiet, entitajiet, avvenimenti, jew avvenimenti li juru avvenimenti b'hal reali li ma sehnewx jew ma jirrapprezentawhomx ħażin, u jidhru b'mod falz għal persuna li hija awtentika jew veritiera (jiġifieri, **deepfakes**).
- i. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jipprovdu lill-utenti b'interfaċċi u għodod standard u faċli biex jintużaw biex iżidu tikketti mal-kontenut iġġenerat mill-IA;
 - ii. Meta jittikkettaw il-kontenut ġenerattiv tal-IA, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs japplikaw tikketti effiċjenti, faċilment rikonoxxuti mill-utenti, filwaqt li jqisu aspetti b'hal-grafika, il-pożizzjoni u t-twaqqiġ, abbażi tar-riċerka xjentifika dwar l-effettività tat-tikketti⁽³¹⁾. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jittestjaw ukoll l-effettività ta' tali tikketti qabel ma joħorġu u jadattaw u jtejbuhom abbażi tal-feedback u l-esperjenza;
 - iii. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jiżguraw li l-kontenut ġenerattiv tal-IA ttikkettat iżomm it-tikketta tiegħu ladarba jiġi kondiviż minn utenti oħra fuq il-pjattaforma.
- c) Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jadattaw is-sistemi ta' reklamar tagħhom, pereżempju billi jipprovdu lir-reklamaturi b'għażliet biex jittikkettaw b'mod ċar il-kontenut maħluq **tal-IA ġenerattiva fir-reklami** jew fil-posts promossi u fil-politika tar-reklamar tagħhom jirrikjedu li din it-tikketta tintuża meta r-reklam jinkludi kontenut ġenerattiv tal-IA.
- d) Biex jinfurzew dawn il-politiki, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jadattaw il-**proċessi ta' moderazzjoni tal-kontenut u s-sistemi algoritmiċi** tagħhom b'tali mod li jidentifikaw kontenut iġġenerat jew manipulat tal-IA permezz ta' marki tal-ilma, identifikazzjonijiet tal-metadata, metodi kriptografiċi biex tiġi ppruvata l-provenjenza u l-awtentività tal-kontenut, metodi ta' reġistrazzjoni, marki tas-swaba' jew tekniki oħra.
- i. F'dan il-kuntest, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jenħtieġ li jikkooperaw mal-fornituri ta' sistemi tal-IA ġenerattivi u jsegwu miżuri ewlenin tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jiżguraw li tali marki tal-ilma, identifikazzjonijiet tal-metadata, metodi kriptografiċi biex tiġi ppruvata l-provenjenza u l-awtentività tal-kontenut, il-metodi tal-illoggjar, il-marki tas-swaba' jew tekniki oħra jiġu identifikati b'mod affidabbli u effettiv; dawn huma r-rakkomandati wkoll jappoġġaw innovazzjonijiet teknoloġiċi ġodda biex itejbu l-effettività u l-interoperabbiltà ta' tali għodod.
- e) **Il-miżuri tal-litteriżmu medjatiku** msemmija fit-Taqsima 2 għandhom jiffukaw ukoll fuq sistemi tal-IA ġenerattivi, pereżempju biex jispjegaw kif taħdem it-teknoloġija u l-possibbiltajiet għall-użu ħażin tagħha.
41. Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065, meta l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jindirizzaw forom legali iżda dannużi ta' kontenut ġenerattiv tal-IA li jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba tal-votanti, għandhom iqisu b'mod partikolari l-impatt li l-politiki u l-miżuri tagħhom jista' jkollhom fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni, inkluż l-espressjoni politika, il-parodija u s-satira. Tali valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali hija meħtieġa b'mod partikolari meta jiġu żviluppati politiki dwar liema tip ta' kontenut ġenerattiv tal-IA qarrieqi furnitur ta' VLOP jew VLOSE ma jippermettix fis-servizz tiegħu u liema se jneħħi minnu.

⁽³¹⁾ Ara pereżempju Tom Dobber, Sanne Kruikeimeier, Fabio Votta, Natali Helberger & Ellen P. Goodman (2023) The effect of traffic light veracity labels on perceptions of political advertising source and message credibility on social media, Journal of Information Technology & Politics

42. Peress li l-kontenut iġġenerat mill-IA jgħorr riskji speċifiċi, għandu jkun soġġett għal skrutinju akbar, anke permezz tal-iżvilupp ta' għodod u teknoloġiji *ad hoc*, eż., biex titwettaq riċerka mmirata lejn l-identifikazzjoni u l-fehim ta' riskji speċifiċi relatati mal-proċessi elettorali. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma mħeġġa jikkunsidraw l-istabbiliment ta' għodod iddedikati għar-riċerkaturi biex jiksbu aċċess għall-kontenut iġġenerat mill-IA u biex jidentifikawh u janalizzawh b'mod speċifiku.

3.4. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-esperti indipendenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

43. Il-kontribut għall-protezzjoni tal-integrità ta' elezzjoni speċifika ma jistax isir mingħajr għarfien tal-kuntest nazzjonali, legali, soċjetali u politiku speċifiku kif ukoll mingħajr reazzjonijiet f'waqthom għal żviluppi f'ħin reali li jaffettwaw ir-riskji iġġenerati mis-servizzi tal-VLOPs jew tal-VLOSEs. Il-proċeduri u l-istrutturi organizzattivi għall-elezzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor u anke minn elezzjoni għal oħra. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom ikunu konxji tal-istruttura ta' governanza elettorali nazzjonali applikabbli għall-elezzjonijiet inkwistjoni u r-rwol ta' diversi awtoritajiet. Billi jiksbu fehim tajjeb tal-proċeduri nazzjonali speċifiċi bħad-delimitazzjoni tal-perjodi tal-kampanja elettorali, iż-żmien tad-deżinjazzjoni uffiċjali tal-kandidati elettorali, u l-perjodi ta' silenzju elettorali, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistgħu jfasslu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju filwaqt li jqisu l-aspetti speċifiċi tal-Istat Membru rilevanti.
44. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs regolarment u, fejn meħtieġ, b'mod urġenti, jiskambjaw informazzjoni ma' u jkollhom punti ta' kuntatt għall-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej kompetenti, bl-involvement tal-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-Istat Membru tagħhom u, fejn xieraq, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti, biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-Kummissjoni, kif xieraq.
45. L-għan ta' tali interazzjonijiet bejn il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkun limitat għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tista' tinforma l-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni dwar il-proċessi elettorali jew li tista' tinforma l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali li huma fil-kompetenza tagħhom biex jiproteġu l-integrità tal-proċessi elettorali. Pereżempju, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jistgħu jipprovdu lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs b'informazzjoni uffiċjali dwar il-proċess tal-votazzjoni li jista' jiġi integrat fis-servizzi tagħhom, u fejn possibbli u xieraq, jipprovduhom informazzjoni dwar ir-riskji possibbli għall-proċess elettorali, li tista' tinforma lill-fornituri tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-VLOPs u tal-VLOSEs stabbiliti. Min-naħa l-oħra, l-informazzjoni dwar ir-riskji li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jimmitigaw fuq is-servizz tagħhom tista' tkun rilevanti għall-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-protezzjoni tal-integrità tal-proċessi elettorali. Sal-punt li tali interazzjonijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar dwar it-trasparenza skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-awtoritajiet nazzjonali u l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jirrapportaw dwarhom b'mod trasparenti, pereżempju f'dokumenti pubbliċi li fihom l-awtoritajiet nazzjonali jevalwaw il-proċess elettorali, jew fir-rapportar dwar it-trasparenza li jsegwi mir-Regolament (UE) 2022/2065.
46. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali maħtura skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 f'kull Stat Membru jstgħu jservu bħala punti ta' kuntatt għall-fornituri tal-VLOPs jew tal-VLOSEs, jekk ma jkunx ċar liema awtorità nazzjonali hija kompetenti għall-kwistjonijiet relatati mal-mitigazzjoni tar-riskju fil-proċessi elettorali. Peress li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jiffunzjonaw bħala l-punt uniku ta' kuntatt fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2065 fi Stat Membru, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jkunu involuti fl-iskambji bejn il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-proċess elettorali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Istati Membri jsaħħu n-networks elettorali nazzjonali tagħhom⁽³²⁾ u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-partijiet ikkonċernati rilevanti⁽³³⁾. Dawn in-networks elettorali nazzjonali jistgħu jkunu wkoll punt ta' kuntatt rilevanti għall-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs.

⁽³²⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32018H0234>

⁽³³⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

47. Flimkien mal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, huwa rakkomandat ukoll li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu kooperazzjoni b'saħħitha ma' atturi mhux statali rilevanti peress li tali atturi għandhom rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-proċessi elettorali. Qabel l-elezzjonijiet, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistgħu jorganizzaw laqgħat kif ukoll jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni regolari ma' atturi mhux statali attivi fil-proċessi elettorali bħall-akkademiċi, esperti indipendenti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti ta' diversi komunitajiet, u jistednuhom jikkondividu l-għarfien espert, l-għarfien u l-osservazzjonijiet indipendenti tagħhom li jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati r-riskji li jistgħu jirrikjedu miżuri ta' mitigazzjoni u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' tali miżuri ta' mitigazzjoni.
48. L-istabbiliment ta' kanali għall-komunikazzjoni matul il-kampanja elettorali ma' atturi mhux statali, inklużi organizzazzjonijiet tal-kampanja u osservaturi elettorali, se jgħin lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jifhmu aħjar il-kuntest tal-elezzjonijiet sabiex jirreaġixxu fil-pront f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ifasslu u jikkalibraw il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u jifhmu aħjar kif jaħdmu l-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom fil-kuntest lokali. Il-grupp ta' Hídma dwar l-Elezzjonijiet tal-Kodiċi ta' Prattika – u s-sistema ta' rispons rapidu tiegħu – huwa eżempju tajjeb ta' tali forum multiparteċipattiv u eżistenti, inklużi l-NGOs u l-verifikaturi tal-fatti b'esperjenza importanti speċifika għall-elezzjoni. It-Task Force tal-EDMO dwar l-Elezzjonijiet – magħmula minn verifikaturi tal-fatti indipendenti, akkademiċi, u speċjalisti tal-litteriżmu medjatiku – kif ukoll iċ-ċentri tal-EDMO madwar l-UE jistgħu jipprovdu wkoll kontribut importanti f'dan ir-rigward.
49. Id-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli minn sorsi pluralistiċi hija kruċjali għall-proċessi elettorali demokratiċi li jiffunzjonaw tajjeb. Dan jirrikjedi mhux biss protezzjoni minn interferenza kummerċjali u politika esterna, iżda wkoll minn applikazzjoni ħażina potenzjali tal-proċessi interni tal-VLOPs u tal-VLOSEs, kif rikonoxxut mill-Artikolu 17 tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media propost ⁽³⁴⁾. Il-ġurnalisti u l-fornituri tas-servizzi tal-media jaqdu rwol vitali fil-ġbir, l-ipproċessar u r-rappurtar tal-informazzjoni lill-pubbliku, rwol saħansitra aktar kritiku matul iż-żminijiet elettorali. Il-fornituri indipendenti tas-servizzi tal-media tal-aħbarijiet u l-organizzazzjonijiet bi standards u proċeduri editorjali interni stabbiliti sew huma ġeneralment meqjusa bħala sorsi affidabbli ta' informazzjoni. Għalhekk, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet tal-media indipendenti, awtoritajiet regolatorji, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' bażi, verifikaturi tal-fatti, akkademiċi, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar inizjattivi biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni ta' informazzjoni affidabbli u l-aċċessibbiltà tal-utenti għal kontenut pluralistiku tal-media tal-aħbarijiet relatat mal-elezzjonijiet minn sorsi fdati.
50. Meta jitqies ir-rwol importanti fil-ġudizzju tal-veraċità tal-informazzjoni li għandhom tali organizzazzjonijiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet indipendenti tal-verifika tal-fatti li jaderixxu ma' standards għoljin ta' metodoloġija, etika u trasparenza, pereżempju billi jkunu membri tan-*Network Ewropew tal-Istandards tal-Verifika tal-Fatti (EFCSN)* u jsegu l-Kodiċi ta' Standards tiegħu ⁽³⁵⁾. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li din il-kollaborazzjoni tkun trasparenti. Pereżempju, xi firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni jelenkaw l-organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti li għandhom ftehimiet magħhom.

3.5. Matul perjodu elettorali

51. Matul il-perjodu elettorali, li fih se jkunu fis-seħħ miżuri u riżorsi li huma speċifiċi għall-mitigazzjoni tar-riskji għall-proċess elettorali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jagħtu attenzjoni speċifika lill-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jnaqqsu l-impatt ta' inċidenti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-eżitu jew il-parteċipazzjoni elettorali.
52. Dan jinkludi li l-utenti jingħataw aċċess għal informazzjoni affidabbli, f'waqtha u intelliġibbli minn sorsi uffiċjali dwar kif jivvutaw kif ukoll dwar il-proċess ta' votazzjoni jew miżuri bħal dawk imsemmija fit-Taqsima 3.3 biex titnaqqas il-ħsara potenzjali ta' kwistjonijiet ta' impatt għoli bħal immaġnijiet manipulati, reġistrazzjonijiet bil-vuċi jew deepfakes, pereżempju ta' atturi politiċi li jikkontendu fl-elezzjonijiet. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jiżguraw ukoll li jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-manipulazzjoni tas-servizz tagħhom bl-għan li jimminaw il-proċess elettorali u jippruvaw jużaw id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni biex irażżnu lill-votanti.

⁽³⁴⁾ Testi adottati – l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media – l-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2024 (europa.eu)

⁽³⁵⁾ EFCSN | European Fact-Checking Standards Network Project – European Fact-Checking Standards Network Project

53. Inċidenti li jseħħu fuq pjattaforma jew barra mill-pjattaforma matul perjodu elettorali jista' jkollhom konsegwenzi rapidi u b'impatt kbir għall-integrità tal-elezzjonijiet jew għas-sigurtà pubblika. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu **mekkaniżmu intern ta' rispons għall-inċidenti**, li jinvolvi wkoll it-tmexxija għolja, kif ukoll immappjar tal-partijiet ikkonċernati involuti fl-organizzazzjoni fir-rispons għall-inċident. Din il-proċedura għandha tiġi stabbilita, maqbula u ttestjata, inkluż permezz ta' eżerċizzji ta' timijiet ħomor, minn qabel sabiex tkun tista' tiġi applikata malajr. Din il-proċedura għandha tkun konsistenti, ripetibbli u verifikabbli, u tipproduċi deċiżjonijiet u eżiti dokumentati sew, sabiex il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs ikunu jistgħu jirrevedu r-risponsi tagħhom wara avvenimenti ta' impatt għoli.
54. Meta titqies il-ħtieġa għall-applikazzjoni rapida tal-miżuri ta' mitigazzjoni, il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu kooperazzjoni u skambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni bejn il-pjattaformi u ma' atturi mhux statali rilevanti li għandhom għarfien u kompetenza rilevanti għall-elezzjonijiet; dawn l-atturi jistgħu jinkludu partijiet ikkonċernati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-akkademja u r-riċerkaturi, il-media indipendenti u oħrajn. Meta titqies in-natura bejn il-pjattaformi tal-kontenut illegali u/jew dannuż, kif ukoll tad-diżinformazzjoni u l-attività tal-FIMI, il-kooperazzjoni fost il-VLOPs u l-VLOSEs infushom biex jikkondividu informazzjoni rilevanti, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom ma' pjattaformi u servizzi iżgħar hija kruċjali biex dawn ir-riskji jittaffew b'mod effettiv. Dan se jgħin lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jirreaġixxu aktar malajr għall-kwistjonijiet u inċidenti emerġenti, jifhmu aħjar il-kuntest, jadattaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom, u jgħinuhom jivvalutaw l-effettività tal-azzjonijiet tagħhom meħuda. L-effiċjenza ta' din il-kooperazzjoni u dan l-iskambju ta' informazzjoni huma partikolarment essenzjali minħabba n-natura sensittiva għaż-żmien ta' avvenimenti bħal dawn. Għalhekk għandu jinkludi reazzjonijiet mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs u feedback sinifikanti lill-atturi mhux statali rilevanti involuti – fi żmien raġonevoli – li jippermettu valutazzjoni tal-effiċjenza u l-impatt ta' din il-kooperazzjoni u l-iskambju.
55. Is-sistema ta' rispons rapidu li għandha tiġi stabbilita mill-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni hija eżempju tajjeb ta' tali forum għall-kooperazzjoni matul l-elezzjonijiet, li tikkontribwixxi għall-mekkaniżmi ta' rispons għall-inċidenti tal-pjattaformi. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jistabbilixxu, flimkien mal-firmatarji l-oħra, il-qafas proċedurali għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejniethom matul l-elezzjonijiet, inkluż mekkaniżmu ta' feedback rapidu bil-ħtieġa ta' segwitu rapidu, effiċjenti u xieraq mill-pjattaformi.
56. Eżempju ieħor dwar kif tiġi organizzata l-ħidma fuq ir-reazzjonijiet għall-FIMI u d-diżinformazzjoni jista' jinstab fit-tieni Rapport tas-SEAE dwar it-Theddid tal-FIMI ⁽³⁶⁾ li jressaq "Qafas ta' Rispons" li jorbot b'mod effettiv l-analiżi ma' tweġibiet ibbażati fuq l-evidenza filwaqt li jenfasisza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati. Tista' tittieħed ispirazzjoni wkoll minn inizjattivi bħaċ-Ċentru tal-Kondiviżjoni u l-Analiżi tal-Infurmazzjoni dwar il-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u Interferenza minn Barranin (FIMI-ISAC) ⁽³⁷⁾. Tali FIMI-ISAC għandu l-għan li jippromwovi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha dwar il-kawżi ewlenin, l-inċidenti u t-theddid, u l-kondiviżjoni tal-esperjenza, l-għarfien u l-analiżi.
57. Rispons f'waqtu għall-inċidenti spiss ikun kruċjali. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jikkunsidraw mudell "segwi x-xemx" li fih l-uffiċċji madwar id-dinja jkunu jistgħu jkopru ż-żoni tal-ħin kollha.
58. Biex jirreaġixxu fil-ħin, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom jintegraw il-kollaborazzjoni possibbli tagħhom mal-awtoritajiet elettorali u l-atturi mhux statali rilevanti fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-inċidenti.

⁽³⁶⁾ EEAS-2nd-Report on FIMI Threats-January-2024_0.pdf (europa.eu)

⁽³⁷⁾ <https://fimi-isac.org/>

3.6. Wara perjodu elettorali

59. Wara perjodu elettorali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs iwettqu **rieżami ta' wara l-elezzjoni** inkluża valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju użati f'dak il-kuntest bil-ħsieb li jadattaw il-miżuri, jekk ikun meħtieġ. Dan ir-rapport intern għandu jinkludi valutazzjoni ta' jekk il-metrika tal-prestazzjoni interna u kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni ġewx issodisfati qabel, matul u wara l-elezzjonijiet, it-tagħlimiet meħuda u l-oqsma għal titjib.
60. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs iqisu kontribuzzjonijiet speċifiċi minn riċerkaturi indipendenti, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, u verifikaturi tal-fatti indipendenti dwar l-impatt tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-VLOPs u tal-VLOSE fl-eżerċizzju ta' rieżami elettorali. Barra minn hekk, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistgħu jinvolvu ruħhom ma' gruppi ta' osservaturi elettorali indipendenti stabbiliti li jistgħu jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-użu u l-impatt tas-servizzi tagħhom f'dak il-kuntest.
61. B'mod partikolari, ir-rapport ta' wara l-elezzjoni għandu jinkludi informazzjoni dwar il-medja u d-distribuzzjoni tal-ħin ta' rispons għall-ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet, il-medja u d-distribuzzjoni tal-ħin ta' rispons għall-kontenut immarkat mill-utenti u l-atturi mhux statali, il-medja u d-distribuzzjoni tal-firxa u l-involvement tal-kontenut li ttieħdet azzjoni dwaru, l-għadd ta' ksuri ta' ċerti politiki li jappartjenu għall-elezzjonijiet, każijiet ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni u l-ilħuq ta' ċerti miżuri bħal inizjattivi ta' litteriżmu medjatiku u inizjattivi awtorevoli. Il-Kummissjoni tista' titlob tali rapporti b'mod kunfidenzjali ⁽³⁸⁾.
62. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jipubblikaw verżjoni pubblika ta' tali dokumenti ta' rieżami ta' wara l-elezzjoni. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda mill-fornitur tal-VLOPs jew tal-VLOSEs u kwalunkwe inċident li seta' seħħ, kif ukoll informazzjoni dwar il-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni li seħħew ma' atturi mhux statali rilevanti matul il-perjodu tal-kampanja elettorali. Dan għandu jinkludi dettalji dwar l-azzjonijiet meħuda, l-effiċjenza u l-puntwalità ta' tali kooperazzjoni. Dan għandu wkoll l-għan li jiġbor feedback pubbliku dwar kif jistgħu jittejjbu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju fis-seħħ jew kif jiġu kondiviżi miżuri ta' suċċess ma' fornituri oħra. Bħala eżempju ieħor għar-rapportar relatat mal-elezzjonijiet, il-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni żviluppaw mudell ta' rapportar li permezz tiegħu se jirrapportaw qabel u wara l-elezzjonijiet dwar il-miżuri meħuda tagħhom u l-metrika rilevanti rigward l-impatt tagħhom.

3.7. Gwida speċifika għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

63. Kif iddikjarat fil-pakkett tal-Komunikazzjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija ⁽³⁹⁾, l-elezzjonijiet li ġejjin għall-Parlament Ewropew se jkunu każ ta' prova kruċjali għar-reżiljenza tal-proċessi demokratiċi tagħna, anke fid-dawl tat-theddid ibridi li jinkludi mhux biss id-diżinformazzjoni u l-FIMI iżda wkoll l-attakki ċibernetiċi. F'dak il-kuntest, u minħabba n-natura transfruntiera unika tagħhom, huwa rrakkomandat li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni robusti għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li se jsiru mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2024.
64. Dan ifisser li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma rakkomandati li jiżguraw li jkunu disponibbli u **distribwiti biżżejjed riżorsi** u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju b'mod li jkun proporzjonat għall-valutazzjonijiet tar-riskju u jinkludi aċċess għall-għarfien espert nazzjonali rilevanti madwar l-UE – kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.
65. Għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ma jeżisti l-ebda perjodu ta' kampanja predeterminat. Dan ifisser li fl-Istati Membri l-kampanji għal dawn l-elezzjonijiet jistgħu jibdeu u jintemmu f'punti ta' żmien differenti. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma mħeġġa jkunu dan meta jipplanaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tagħhom għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew u jinvolvu ruħhom mal-Istati Membri fit-tħejjija ta' tali elezzjonijiet.

⁽³⁸⁾ DSA Artikolu 84

⁽³⁹⁾ COM(2023) 630 final. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Difiża tad-Demokrazija

66. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs għandhom iqisu wkoll **id-dimensjoni transfruntiera u Ewropea unika ta' dawn l-elezzjonijiet**, meta jassenjaw riżorsi xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskju. Il-kampanji mhux biss se jkunu nazzjonali, u d-dibattitu se jseħħ bejn il-fruntieri. Minbarra li tistabbilixxi kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu kuntatt mal-awtoritajiet fil-livell tal-UE qabel l-elezzjonijiet. Il-Parlament Ewropew għandu rwol ewlieni fl-elezzjonijiet Ewropej u għandu jkun interlokutur ewlieni għall-VLOPs u l-VLOSEs qabel dawn l-elezzjonijiet. In-networks ta' esperti nazzjonali fl-UE kollha fl-oqsma tad-diżinformazzjoni u l-FIMI, l-elezzjonijiet u ċ-ċibersigurtà bħas-Sistema ta' Twissija Rapida tal-UE, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS jistgħu jkunu networks rilevanti għall-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs f'każ ta' inċidenti transfruntiera, inklużi dawk ta' natura ibrida, matul il-perjodu elettorali li jirrikjedu rispons rapidu u l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.
67. Għandhom jiġu żgurati miżuri ta' mitigazzjoni li jista' jkollhom iqisu t-theddid relatat ta' natura differenti bl-għan li jiddestabilizzaw jew jiskreditaw il-proċessi demokratiċi, inklużi l-attakki ċibernetiċi, u għandha tiġi żgurata kooperazzjoni xierqa f'dawn l-oqsma. Fil-każ ta' diżinformazzjoni jew attività tal-FIMI permezz tal-internet, il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs huma mħeġġa jistabbilixxu kuntatt adegwat mal-awtoritajiet nazzjonali ta' ċibersigurtà; meta tali attività tikkonċerna lill-UE kollha kemm hi jew l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, għandhom jiġu kkunsidrati kuntatti mal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-UE)⁽⁴⁰⁾. Barra minn hekk, u f'konformità ma' dak li ġie propost għall-elezzjonijiet nazzjonali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li jiġu stabbiliti kuntatt u aċċess għall-komunikazzjoni mal-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-partiti politiċi Ewropej fuq termini ugwali qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.
68. Il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs li huma firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni għandhom jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fil-ħidma relatata mal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni effettiva fis-sistema ta' rispons rapidu u mekkaniżmu ta' feedback b'azzjonijiet ta' segwitu xierqa u f'waqthom. Għandhom jipprovdu wkoll – qabel u wara l-elezzjonijiet – rapportar immirat dwar il-miżuri stabbiliti biex jitnaqqas it-tixrid tad-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-FIMI fir-rigward tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, inklużi l-metriċi rilevanti dwar l-impatt tagħhom (abbażi tal-impenji 37.2 u 42). Huma għandhom – abbażi tal-kontributi tal-verifikaturi tal-fatti u l-firmatarji tas-soċjetà ċivili - jieħdu kont wara l-elezzjonijiet tat-tagħlimiet meħuda, filwaqt li jivvalutaw ukoll l-effiċjenza u l-puntwalità tal-kooperazzjoni – biex itejbu l-effiċjenza tas-sistema għal elezzjonijiet futuri.
69. It-Taqsima 3.6 dwar ir-rieżami postelettorali tapplika wkoll għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u għandha tqis in-natura partikolari ta' dawn l-elezzjonijiet.
70. Biex ifasslu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tagħhom għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs jistabbilixxu kuntatt u jikkooperaw b'mod partikolari mat-Task Force tal-EDMO dwar l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Għall-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew, din it-Task Force se tipproduċi rapporti u aġġornamenti regolari dwar ix-xejriet, l-isfidi u l-fenomeni ewlenin tad-diżinformazzjoni. Dan għandu jinforma lill-fornituri dwar l-azzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-VLOPs u tal-VLOSEs.

4. IL-PASSI LI JMISS U L-KONKLUŻJONI

71. Il-Kummissjoni hija impenjata li tinforza b'mod vigoruż ir-Regolament (UE) 2022/2065, inkluż fil-qasam tal-elezzjonijiet. Dawn il-linji gwida jgħinu lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs bl-applikazzjoni tal-Artikolu 35 ta' dak ir-regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif għandhom jiġu vvalutati u mmitigati r-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali li jirriżultaw mis-servizz tagħhom jew mill-użu tagħhom. Fid-dawl ta' bosta elezzjonijiet li ġejjin u mhux l-inqas dawk għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tħeġġeġ bil-qawwa lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs biex jimplementaw dawn il-linji gwida malajr u b'mod komprensiv u tilqa' l-valutazzjonijiet minn riċerkaturi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar l-effektività tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda mill-fornituri ta' dawn il-VLOPs u l-VLOSEs fl-UE.

⁽⁴⁰⁾ <https://cert.europa.eu/>

72. Fl-istess ħin, b'mod partikolari minħabba l-istadju bikri tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2065, u n-natura speċifika tar-riskji sistemiċi għall-proċessi elettorali, il-Kummissjoni tinsab lesta li tinvolvi ruħha mal-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs dwar it-tfassil u l-funzjonament tas-servizzi tagħhom u tas-sistemi relatati biex jiġi żgurat li tiġi evitata l-ħsara lill-proċessi elettorali fl-UE.
73. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija disponibbli biex tiffaċilita rieżami perijodiku tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju adottati mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs fuq bażi volontarja. Dan jista' jieħ u l-forma ta' **rieżami ex ante u ex post** wara elezzjonijiet speċifiċi. Il-feedback ipprovdut mill-Kummissjoni f'dak il-kuntest se jkun ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs u ma jikkostitwixxix valutazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' konformità li kienu adottaw. Bħala tali, huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat investigattivi u ta' infurzar tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/2065.
74. Skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa għarfien espert u kapaċitajiet dwar kwistjonijiet sistemiċi u emerġenti madwar l-UE. L-informazzjoni mill-VLOPs u mill-VLOSEs hija kruċjali f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni tistenna li l-fornituri ta' tali servizzi jinvolvu ruħhom mal-Kummissjoni fil-qafas tal-infurzar tar-Regolament (UE) 2022/2065 fi djalogi ta' thejjiġa dwar l-integrità elettorali u strutturi oħra ta' kooperazzjoni stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-infurzar tar-Regolament (UE) 2022/2065 għal dawn il-finijiet, biex ikunu jistgħu jwieġbu malajr għal talbiet urġenti għal informazzjoni b'mod partikolari dwar kwistjonijiet u inċidenti emerġenti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-elezzjoni jew il-parteċi-pazzjoni. Dan ma jipprekludix l-involvement fi kwalunkwe mekkaniżmu jew protokoll ta' kooperazzjoni stabbilit ieħor li jista' jeżisti.
75. Kif imsemmi fit-Taqsima 1.1. f'aktar dettall, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju identifikati f'dawn il-linji gwida huma bbażati fuq djalogi preċedenti ta' thejjiġa dwar l-integrità elettorali mal-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs, l-esperjenza miksuba bil-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u s-Sett ta' Għodod tal-FIMI tal-UE, il-konsultazzjoni esploratorja, diversi round tables u kontribut mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali. Bħala tali, il-miżuri deskritti fil-linji gwida jistgħu jitqiesu bħala l-aħjar prattiki f'dan il-mument.
76. Filwaqt li l-oġġettiv ta' din il-gwida huwa li tappoġġja lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs fl-iżgurar tal-konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fehim tal-Kummissjoni tal-kwistjonijiet involuti fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament jista' jevolvi b'aktar esperjenza.
77. Barra minn hekk, ix-xenarju li qed jevolvi malajr li fih joperaw il-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs, u t-tattiċi ta' atturi malizzjużi qed jinbidlu b'mod kostanti, u b'hekk jeħtieġu aġġornamenti u aġġustamenti kostanti biex jirrispondu għall-isfidi dejjem jinbidlu u emerġenti ġodda. Barra minn hekk, ladarba jiġi vvalutat mill-Kummissjoni u mill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali, il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni huwa mistenni li jiġi kkonvertit f'Kodiċi ta' Kondotta li jorbotha mal-qafas legali tar-Regolament (UE) 2022/2065. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tistenna li l-firmatarji jkomplu jimplementaw l-impenji tagħhom biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni skont il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni. Fl-istess ħin, se jidhru fis-seħħ biċċiet addizzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-UE fix-xhur li ġejjin u jikkomplementaw dan ir-Regolament b'regoli speċifiċi rilevanti għas-suġġett ta' dawn il-linji gwida, b'mod partikolari r-Regolament dwar ir-Reklamar Politiku u l-Att dwar l-IA (li l-kontenut rilevanti tagħhom tqies f'dawn il-linji gwida, b'mod partikolari meta jikkostitwixxi, diġà issa, l-aħjar prattika f'qasam speċifiku).
78. Il-Kummissjoni tista' **tirrevedi** dawn il-linji gwida fid-dawl tal-esperjenza prattika miksuba u l-pass tal-iżviluppi teknoloġiċi, soċjetali u regulatorji f'dan il-qasam. Matul tali reviżjoni l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirtira jew temenda din il-Komunikazzjoni. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-fornituri tal-VLOPs u tal-VLOSEs, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, il-komunità tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jikkontribwixxu għal dan il-proċess.